MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2008

Numru. 25/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

Maria Cachia ta' 51 sena, bint Nazzarenu Busuttil u Carmen nee' Brincat, imwielda Birzebbuga, nhar il-14 ta' Frar, 1957, residenti fil-fond numru 48, Triq il-Haruf, Birzebbuga, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' numru 162157(M)

**U lil**

Jeremy Bouvett, ta' 19-il sena, bin Carmel u Rita nee' Dimech, imwieled Pieta', nhar id-19 ta' Mejju, 1988, residenti fil-fond numru 69, Arcade Street, Paola, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 249388(M)

**U lil**

Tara-Lynn Cachia, ta’ 17-il sena, bint Carmelu u Maria nee’ Busuttil, imwielda Pieta’, nhar it-2 ta’ Awissu, 1990, residenti fil-fond numru 48, Triq il-Haruf, Birzebbuga, detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ numru 375090(M)

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra ’l hawn fuq imsemmija Maria Cachia, Jeremy Bouvett u Tara-Lynn Cachia li gew akkuzati talli nhar il-15 ta’ Frar, 2008 gewwa l-istabbiliment l-Arkadia, go Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Ghawdex, ghal habta tal-hamsa w nofs (17:30hrs):

a) Serqu kamera tar-ritratti tat-tip Kodak Easy Share CX7525, ghad-detriment ta’ Paul Formosa, liema serq huwa aggravat bil-valur;
b) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi sabu hwejjeg u cioe’ l-imsemmija kamera tar-ritratti li kienet naqset lil Paul Formosa, jew li kien tilef, meta ma gharfux biha lill-Pulizija Esekuttiva fi zmien tlitt ijiem

Rat l-imputazzjonijiet ;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-7 ta’ April 2008 ;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata Maria Cachia liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatha zmien konsiderevoli sabiex tirrikonsidra l-istess;

Rat illi fid-dawl ta’ dina l-ammissjoni l-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuzi fil-konfront taz-zewg imputati l-ohra Tara-Lynn Cachia u Jeremy Bouvett ;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata Maria Cachia illum seduta stante, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha. Illi peress illi l-akkuzi fil-konfront taz-zewg imputati l-ohra gew

irtirati, il-Qorti sejra tilliberahom mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom ;

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi l-camera tar-ritratti msemmija giet ritornata minnufih ;

Ghadaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 261 tal-Kapitolu 9 filwaqt illi tilibera lill-imputati Tara-Lynn Cachia u Jeremy Bouvett mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, issib lil-imputata Maria Cachia hatja u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, tillibera lill-hatja bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum ;

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk tikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------